**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat,  Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR4/IX/2024**

**Il-Ħamis, 19 ta' Settembru, 2024 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

**Skużat:**
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**4.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**4.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

4.2 Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru skużat.

**4.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

4.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 3 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

4.3.2 Mill-minuti inġibdet l-attenzjoni fir-rigward tal-bankina ta' Triq Palma. Fil-Kunsill preċedenti l-Kunsill kien issuġġerixxa li l-bankina tinqata' dritta biex ikun hemm aktar spazju għall-parkeġġ u xorta tibqa' wiesgħa biżżejjed għall-pedonali u siġġu tar-roti. Ma kienx inħareġ il-permess ta' Transport Malta (TM) u d-dokumenti relatati ġew iċċirkulati lill-membri ta' dan il-Kunsill. Wara diskussjoni qasira, il-membri qablu li din il-proposta għandha terġa titressaq quddiem TM u tinsisti fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill.

4.3.3 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

4.3.4 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**4.4 Mozzjonijiet f'isem il-kunsilliera**

Mozzjoni Numru 1 tad-IX Kunsill imressqa minn George Cassar, Viċi Sindku.

**Mozzjoni dwar l-użu ta' dik li kienet l-iskola Primarja Sir Arturo Mercieca fi Triq Vajrinġa – l-Belt Victoria**

**Fid-dawl li l-binja tal-iskola fuq imsemmija ġiet vakata ftit tal-ġimgħat ilu, l-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria jipproponi lil kull min hu kkonċernat li l-istess binja tingħata nofs lill-Aġenzija Malta Libraries u n-nofs l-ieħor lill-Aġenzija Malta Archives. Filwaqt li l-*playground* tal-istess skola jingħataw lill-Kunsill Lokali ta' Beltna biex isiru kif ġej: il-*playgrounds* tan-naħa ta' Pjazza Santu Wistin, Teatru Miftuħ (tip Pjazza Teatru Rjal), filwaqt li dak tan-naħa ta' Triq Sir Arturo Mercieca jsir spazju miftuħ għar-rikreazzjoni kemm tat-tfal kif ukoll tal-adulti (tip il-foss taċ-Ċittadella jew dak tal-Imdina imma f'aktar ċokon).**

**Infakkru li dan li qed nipproponu (minbarra l-użu tal-*playgrounds*) kien diġa' mwiegħed f'*Memorandum of Understanding* iffirmat mill-Ministru Jose' Herrera u s-Segretarju Permanenti Joyce Dimech, il-Ministru Clint Camilleri u s-Segretarju Permanenti John Borg flimkien mas-CEO Malta Libraries Cheryl Falzon u s-CEO Malta Archives tas-sena 2022 paġna 94 (kopja annessa ma' din il-mozzjoni). Annessi wkoll ma din il-mozzjoni l-pjanti tal-binja eżistenti u msemmija u kif qed jiġi propost li titqassam.**

**Kopja ta' din il-mozzjoni bid-dokumenti annessi magħha għandha tintbagħat lill-membri parlamentari kollha Għawdxin, lill-Dr. Owen Bonniċi, Ministru tal-Kultura u l-Gvern Lokali, lil Dr. Clifton Grima, Ministru tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni u lill-Dr. Samuel Azzopardi, President tar-Reġjun Għawdex.**

Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-membru Buttigieg.

4.4.1 Id-dokumenti msemmija f'din il-mozzjoni huma annessi f'dokument A ta' dawn il-minuti.

4.4.2 Il-Viċi Sindku qal li din hi binja storika. Fil-librerija u l-Arkivju hemm problema ta' spazju konsegwenza li ma jistax jiġi offrut is-servizz kif suppost. Qed jinkrew garaxxijiet fl-irħula biex jiġu storjati ċertu dokumenti. Dan b'inkonvenjent kemm għall-ħaddiema li jridu jmorru l-barra mir-Rabat u anke' għaċ-ċittadini li ma jkunux jistgħu jinqdew minnufih meta jżuru l-librerija jew l-Arkivju.

4.4.3 Il-membru Buttigieg qal li jista' jkun li din il-binja ser tiġi trasformata b'tali mod li tkun tista' tilqa' studenti/tfal bi bżonnijiet speċjali. Issuġġerixxa li billi l-binja hi tal-Gvern Ċentrali, qabel tittieħed deċiżjoni fuq il-mozzjoni, il-Kunsill għandu jara l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar xi ħsibijiet għandu fuq dan il-post.

4.4.4 Is-Sindku qal li l-membri ta' dan il-Kunsill jirrappreżentaw lill-poplu Rabti u l-istess membri għandhom dejjem jissalvagwardjaw l-interess tar-Rabtin. Qal li idejalment l-ewwel għan hu li din il-binja tkun għan-nies tar-Rabat pero' la din taqa' f'idejn il-Gvern Ċentrali , jaqbel mal-membru Buttigieg u qabel tittieħed deċiżjoni, l-Kunsill għandu jitkellem mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar fuq xi ħsibijiet għandu fir-rigward ta' din il-binja storika. Dan jista' jsir fil-laqgħa li l-membri tal-Kunsill għandhom mal-Ministru fit-28 ta' Settembru, 2024. Tenna li l-Kunsill għandu jisħaq primarjament li l-binja tintuża għall-benefiċċju tan-nies tar-Rabat.

4.4.5 Il-Viċi Sindku qal li l hawn bosta postijiet aktar addattati sabiex isir ċentru għat-tfal/studenti bl-awtiżmu. Il-Gozo Lending Library, ta' Pjazza San Franġisk tista, faċilment tiġi trasferita fil-bini tal-Vajrinġa u dan iċ-ċentru propost isir flokha.

4.4.6 Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu, hu wkoll jaħseb li din il-binja mhijiex post idejali għall-ċentru għat-tfal bl-awtiżmu. Jista' jkun hemm bosta proposti, fosthom li jingħata spazju għall-membri tal-Gozo University Group (GUG) li talbu sabiex ikollhom post adekwat f'Għawdex. Proposta oħra tista' tkun li l-uffiċini tat-Taqsima tal-Kultura u d-Dipartiment tal-Informazzjoni li hemm bħalissa fil-Banca Giuratale, dawn jiġu trasferiti hemm u imbagħad il-Banca Giuratale kollha kemm hi, tiġi devoluta lill-Kunsill tar-Rabat Città Victoria.

4.4.7 Billi l-binja in kwistjoni mhix f'idejn il-Kunsill, is-Sindku ssuġġerixxa li din il-mozzjoni tiġi sospiża sakemm il-Kunsill jiltaqa' mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-membri qablu.

## 4.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

4.5.1 kellu l-laqgħa ta' kull xahar mal-*Community Police* fejn, fost materji oħra, ġiet diskussa l-*bye law* tal-ilbies indiċenti. L-Avukat tal-Kunsill li trid tikteb il-*bye law*, kienet preżenti wkoll;

4.5.2 ltaqa mal-Kap tal-iksola Primarja tar-Rabat. Jixtieq li l-Kunsill ikun aktar preżenti u jkun hemm aktar koperazzjoni ma' din l-iskola. Il-membri jaqblu;

4.5.3 hu, il-Viċi Sindku u l-membru Tabone kienu preżenti għall-ftuħ tal-wirja li saret fil-każin tal-Banda La Stella li kienet titratta l-Festa tal-Madonna tan-Niċċa li kienet issir fl-inħawi taċ-Ċawla;

4.5.4 attenda l-laqgħa ta' kull xahar tar-Reġjun Għawdex fejn din id-darba attendew il-*Community Police* u l-Uffiċjali tal-Infurzar mill-ERA. Ġie trattat l-iskart mormi illegalment madwar Għawdex. Is-Sindku ressaq il-problema li fir-Rabat għandna problema kbira ta' rimi ta' skart illegali li jkun iġġenerat mill-ħwienet. Il-Koperattiva Ndafa Pubblika Għawdex (KIP) qed tinsisti li dan l-iskart ma jinġabarx mal-iskart domestiku. Is-Sinkdu spjega kif jekk il-Kunsill ikun jaf eżatt min qed jarmi b'mod illegali, jista' jsir rapport u l-ERA tieħu azzjoni.

## 4.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

4.6.1 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur li jiġbor l-iskart domestiku mas-06:45 am kien qed iħalli gozz boroż fi Pjazza San Ġorġ miġbura minn Triq Karita' u l-inħawi u jħallihom hemm sa wara l-10:30am. Hu qal li ġibdilhom l-attenzjoni għax din ġrat kemm 'il darba dan l-aħħar xahar, sa anke' ressaq filmat fejn kien juri li l-ħaddiem tal-ischammel kien qed jagħmel il-boroż f'nofs il-pjazza. Tenna li l-Pulizija setgħet ħadmet aħjar meta tressqilha l-filmat ta' min kien qed iħalli l-iskart gozz. Issa l-problema issolviet.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

4.6.2 id-Direttur Ġenerali Gvern Lokali rigward Dirrettiva Numru 2/2024 – Revoka ta' direttiva 1/2024 u Aġġornament dwar il-laqgħat tal-Kunsill;

4.6.3 id-Direttur Ġenerali Gvern Lokali rigward stqarrija mill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq li ħarġet linji gwida ġodda;

4.6.4 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward SPI/SCI/7/2024 – Expressjoni ta' Interess – Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubbliċi;

4.6.5 l-*Active Ageing and Community Care* rigward il-Premju Anzjanita' Attiva 2024;

4.6.6 SportMalta rigward l-'*European Week of Sports Local Councils' Initiative'*;

4.6.7 il-WasteServ rigward l-'*European Week for Waste Reduction November 2024'*;

4.6.8 l-Amministratur tal-proġetti STEM mill-Esplora fejn intalbet ittra ta' support mingħand il-Kunsill sabiex tkun ta' għajnuna sabiex l-iSTEM tapplika għall-fondi għall-proġett *'Science Comes to Town'*;

4.6.9 resident fi Triq San Leonardu fejn qed jerġa jikteb li żewġ siġar tal-ewkaliptus tant kibru li huma perikolużi u ser jikkawżaw ħsara fuq il-propjeta'tiegħu. Il-membri qablu li l-Kunsill jitlob permess għall-*heavy pruning* ta' dawn is-siġar. Għandu jsir rapport tal-arborist li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni tal-ERA.

4.6.10 sid ta' ristorant fi Pjazza Indipendenza rigward il-bollards tal-Pjazza. Il-Kunsill ser joħroġ offerta ġdida għax-xiri ta' bollards ġodda;

4.6.11 sid ta' spiżerija fi Triq Palma fejn issuġġerixxa li titneħħa t-tabella li hemm fil-bidu ta' din it-triq li turi li f'ħinijiet matul il-ġurnata din it-triq hija magħluqa għat-traffiku ħlief għar-residenti u biex tgħati servizz. L-ispiżjar qed jgħid li anzjani jew persuni li bilfors iridu jidħlu fil-klinika tiegħu permezz tat-trasport qed isibu diffikulta jidħlu fil-ħin li t-triq hi magħluqa għat-traffiku. Il-membri qablu li la t-tabella turi li tista' tidħol kull ħin biex tagħti servizz, allura m'għandux ikun hemm problema sabiex anzjani jitħallew jidħlu fi Triq Palma biex jitwaqqfu quddiem il-klinika tal-ispiżerija. Din it-tabella m'għandiex titneħħa.

4.6.12 *'Battlefields Living History Re-enactment Troops'* fejn il-Kunsill ġie mgħarraf bid-dettalji tar-re-enactments li jsiru minn dan il-grupp.

Bozoz

4.6.13 Intalab sabiex temporanjament titneħħa bozza mad-dar 'Kenn Ġużeppin' fi Triq Ġorġ Borg Olivier biex titranġa l-faċċata. Is-sid aċċetta li wara li jkun lest ix-xogħol, il-bozza terġa teħel.

4.6.14 Intalab sabiex temporanjament titneħħa bozza mad-dar 'Ave Maria' fi Triq Aniċi biex titranġa l-faċċata. Is-sid aċċettat li wara li jkun lest ix-xogħol, il-bozza terġa teħel.

4.6.15 Fi Triq Dawwara ssir bozza ġdida fejn is-sid kien aċċetta li teħel mal-propjeta' tiegħu. Il-bozza li kien hemm qabel kienet fuq arblu u dan kellu jitneħħa peress li kien quddiem bieb.

4.6.16 Tressqet korrispondenza mingħand aġenzija li tikri l-propjeta'. Intalab li ssir bozza ġdida fi Triq Ġużeppi Spiteri. Il-Kunsill staqsa lil din l-kumpanija jekk taċċettax li titpoġġa bozza mal-propjeta' tagħha. Din qalet li mhix f'posizjoni li taċċetta dan.

## 4.7 Immaniġjar tat-Trafiku

4.7.1 Transport Malta (TM) approvat permess għall-servizz ta' reserved parking quddiem:-

i) 45, Maria House fi Triq ta' Wara s-Sur;

ii) Blokk KA, Flat 2, Triq taċ-Ċawla;

iii) 52, Triq ir-Repubblika.

4.7.2 TM m'approvatx parkeġġ riservat personalizzat quddiem 78, Triq Palma.

4.7.3 TM approvat it-tneħħija ta' parkeġġ komunali quddiem 'The Lodge' fi Triq Mary Mejlaq.

4.7.4 Tressqu dawn it-talbiet biex isiru parkeġġi riservati personalizzati quddiem:-

i) 'Joseph' 104, Triq Sant' Ursola;

ii) 71, Triq Repubblika;

iii) 'Pierenya', Triq Mary Mejlak;

iv) Blokk HB, Flat 2, Triq taċ-Ċawla.

4.7.5 Mid-Direttorat Strateġija u Support fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar intbgħatet pjanta sabiex isiru parkeġġi fi Triq Għajn Qatet mill-isptar lejn ix-Xewkija. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM biex isiru.

4.7.6 Sid ta' garaxx fi Triq San Ġużepp Labre' li talbet sinjali sofor biex tkun tista tuża l-garaxx għax ma tkunx tista' toħroġ bil-vetturi pparkjati. Intalab il-permess ta' TM.

4.7.7 TM ma ħarġitx il-permess ta' *un/laoding bay* quddiem ħanut taż-żraben fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace peress li ħanut taż-żraben mhux intitolat.

4.7.8 TM ma ħarġitx il-permess ta' *un/laoding bay* quddiem 'Victoria's Restaurant' fi Triq l-Ewropa peress li ristorant mhux intitolat.

4.7.9 TM irrispondiet fuq it-talba tal-Kunsill rigward it-tneħħija tal-*One Way* fi Triq Enriko Mizzi peress li l-klinika tal-Gvern m'għadiex f'din it-triq. TM tat ir-raġunijiet għaliex dan is-suġġeriment ma ġiex milqugħ. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jinsisti ma' TM li minn

fejn is-Seminarju għandu jkun hemm aċċess għar-residenti ta' l-ewwel parti ta' Triq Vajrinġa, bħal ma għandhom l-aċċess ir-residenti ta' Pjazza San Franġisk. Dan kif ġie diskuss kemm 'il darba fil-Kunsill.

4.7.10 Peress li qed ikun hemm diversi talbiet fir-rigward ta' Triq Santa Martha, Il-membri qablu li l-pjanta tar-road markings li kienet saret fl-2018 tiġi aġġornata mill-Perit biex wara, tiġi approvata minn TM.

4.7.11 Dwar it-tabelli tal-un/laoding li hemm fi Pjazza Indipendenza, is-Sindku qal li din trid tiġi diskussa mal-Pulizija sabiex it-tabelli jkunu jaqblu u ma jkunx hemm diżgwid.

4.7.12 Tressqet korrispondenza mingħand sid ta' uffiċċju fi Triq l-10 ta' Ġunju 1887, fejn qed tilmenta bid-diżorganizzazzjoni li jkun hemm minħabba l-vetturi li jħottu lill-Greens Supermarket. Din kienet kitbet fuq din is-sitwazzjoni anke' f'Mejju 2024. Il-Kunsill dakinhar kien ħejja pjanta biex tinstab soluzzjoni u jitnaqqas l-abbuż. Din il-pjanta tressqet lill-TM u qed tiġi riveduta skont it-talba ta' TM.

---

Il-membru Buttigieg ħareġ mill-kamra.

---

**4.8** ***Playing Field***

4.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Perit beda jadem fuq il-pjanti tal-partijeit fejn hemm l-equipment eżistenti.

4.8.2 Il-membri qablu li jsir l-upgrading neċessarju sabiex il-playing field tiġi ameljorata fuq il-bażi li diġa' hemm.

4.8.3 Qablu li l-*playing field* tiġi mixgħela kif suppost.

4.8.4 Qablu wkoll li l-Kunsill jespolora minn fejn ser jakkwista fondi addizzjonali sabiex isir dan il-proġett.

**4.9 Ġnien Qasam San Ġorġ**

4.9.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Perit beda jadem fuq il-pjanti biex dan il-ġnien żgħir tingħatalu dehra aħjar u aktar moderna.

4.9.2 Il-membri qablu.

**4.10 Nichelino Ottubru 2024**

4.10.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li qed isiru l-arranġamenti neċessarji fir-rigward tal-loġisitka għal din iż-żjara fosthom trasport, lukanda u anke' l-programm.

4.10.2 Il-membri qablu li s-Sur Paul Galea, li hu l-kuntatt prinċipali mal-Comune ta' Nichelino u anke entitajiet mhux governattivi f' Nichelino, għandu jkollu l-ispejjeż kollha imħallsa.

**4.11 Attivita' għat-tfal –** ***Kids in the City***

4.11.1 Din l-attivita' ser issir nhar il-Ħadd, 22 ta' Settembru, 2024 u saru l-preparamenti meħtieġa kollha.

**4.12 Ħarġa Malta – Birgufest**

4.12.1 Din il-ħarġa tħassret peress li l-organizzaturi ħassru l-attivita' u anke' peress li fl-istess ġurnata ser ikun hemm l-opra fit-Teatru Aurora.

**4.13 Attivitajiet tal-Milied – *Weekend Break* u Kunċert**

*Weekend Break* Kulturali

4.13.1 Il-membri qablu li jiġi organizzat weekend break kulturali fiż-żmien tal-Milied bejn it-13 u l-15 ta' Diċembru 2024.

4.13.2 Inġabru prezzijiet differenti ta' lukandi u l-membri qablu li l-prezz l-aktar vantaġġjuż hu tal-lukanda 'Waterfront' fix-Xatt tas-Sliema.

4.13.2 Ser jinġabu stimi għat-trasport, jinħadem il-programm u r-riklam.

4.13.3 Il-prezz *half board* u ssussidjat għar-residenti Rabtin ser ikun €160 l-adulti u €80 tat-tfal.

Kunċert Mużikali

4.13.4 Wara is-suċċess li kellu l-kunċert li sar is-sena l-oħra u li kien ħa ħsiebu Pierre Louis Attard, is-Sindku ssuġġerixxa li dan il-kunċert jerġa jsir. Il-membri qablu.

4.13.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li ltaqa' mas-Sur John Xuereb, Direttur għall-Wirt Kulturali, Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, fejn ġiet diskussa l-proposta sabiex jittella dan il-kunċert mużikali qrib il-Milied u ta' dan jiġu akkwistati fondi sabiex ikopru l-ispejjez.

4.13.6 Il-kunsill applika mal-iskema *Gozo Cultural Fund Scheme* u ġie approvat li mill-iskema jiġu ffinanzjati €1750 mill-ispejjeż li jammontaw għall-€2750.

4.13.7 Minn naħa tad-Direttorat issuġġerew li d-data proposta tinbidel peress li hemm attivitajiet oħra fl-istess ġurnata.

4.13.8 Il-membri qablu li l-kunċert jerġa jsir fis-26 ta' Diċembru kif sar is-sena l-oħra u terġa ssir ġabra li tmur għall-*Malta Community Chest Fund.*

**4.14 Offerta – Tindif ta' Toroq**

4.14.1 Din l-offerta ħarġet fit-30 ta' Awwissu 2024 u tagħlaq fl-1 t'Ottubru 2024.

4.14.2 Il-membri qablu li l-membri tal-bord ta' aġġudikazzjoni jkunu *Chairman* William Sultana, Segretarja Miriam Attard u l-membri l-Av. Larry Formosa, l-Inġ. Mario Cauchi u l-*Accountant* Daniel Galea.

**4.15 Offerta – Xiri ta' *Litter Bins***

4.15.1 Tressaq ir-rapport tal-bord tal-aġġudikazzjoni. Dan jindika li l-offerta tingħata lill-Green Skip Services Limited.

4.15.2 Wara li l-membri raw kif inhuma l-*litter bins*, qablu li l-offerta tingħata skont kif qed jissuġġerixxi l-bord u jinxtraw 10 *litter bins* ġodda.

4.15.3 Billi l-*bins* taz-zingu li jkunu fuq ġew tal-*litter bins* imorru maż-żmien u l-*litter bin* ta' barra jkun għadu fi stat tajjeb, il-membri qablu li jinxtraw aktar *inner bins* biex ikunu jistgħu jinbiddlu u l-*litter bins* iservu iktar.

4.15.4 Qablu wkoll biex jekk hu possibli jinxtraw ukoll l-*inner bins* tal-litter bins eżistenti.

## 4.16 *Bollards* Pjazza Indipendenza

4.16.1 Il-membri qablu li l-bollards għandhom ikunu aktar b'saħħithom sabiex ikunu jifilħu iktar għad-daqqiet minn vetturi li jipparkjaw madwar il-pjazza.

4.16.2 Ser jiġu kkunsidrati speċifikazzjonijiet ta' *bollards* kif jixtieqhom il-Kunsill u ser tinħareġ offerta skont dawn ir-rekwiżiti. Għaldaqstant il-baġit ta' din l-offerta ser jiżdied .

## 4.17 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

4.18.1 Inġibdet l-attenzjoni fuq kont tat-trasport li hu kemxejn għoli. Ser isir verifikazzjoni tiegħu qabel jiġi mħallas.

4.18.2 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta'Settembru 2024, skont dokument .... anness**.**

## 4.18 Xogħolijiet oħra

Il-membri qablu li:-

- fi Triq Mons. Ġużeppi Farrugia parti minn bieb mkisser u toqba fil-ħajt biswitu ta' dar mitluqa, titgħatta b'folja injama peress li qed ikun hemm rapporti li qed joħorġu l-ġrieden. Diġa sar rapport lis-Sanita' u ntefa t-tosku;

- jiġi rrappurtat lis-Sanita', il-ħmieġ li qed jiġi kkawżat minn mekkanik fi Triq Mattia Preti;

- jkun wieħed mill-organizzaturi tal-*'Aurora International Folk Festival'*. Dan ser isir bejn it-18 u l-20 t'Ottubru, 2024. M'għandiex tinqabeż s-somma ta' €1,500 fi spejjes;

- l-organizzaturi tal-Festival Kantamagħna. Ma kienx hemm qbil li l-Kunsill jgħin fil-loġistika ta' dan il-festival;

- il-Kunsill jgħin fil-loġistika tal-organizzazzjoni tal-Opri li jsiru fir-Rabat fix-xahar ta' Ottubru;

## 4.19 Tmien il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fin-12:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2024.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |